# QORTI CIVILI – PRIM'AWLA

# IMHALLEF:

# ONOR. GIANNINO CARUANA DEMAJO LL.D.

**Seduta ta' nhar it-Tlieta, 16 ta' Ottubru, 2001**

**Numru 16**

**Cit. Nru. 1029/2001 GCD**

**Genimex Trading Company Limited**

**Vs**

**Peter Muscat**

Il-Qorti,

Rat ic-citazzjoni li biha s-socjeta` attrici, wara li qalet:

Illi s-socjeta` attrici tinsab kreditrici tal-konvenut fis-somma ta' elfejn u lira u tletin centezmu (Lm2,001.30) bilanc fuq import ta' kambjala minnu accettata u ffirmata liema kopja fotostatika tinsab annessa mac-citazzjoni u mmarkata bhala Dok. "A";

Illi din il-kambjala fl-ammont ta' Lm3,001.30 skadiet fil-21 ta' Novembru 1998 u l-konvenut hallas biss Lm1,000 akkont fil-15

ta' Jannar 1999 u b'hekk fadallu jhallas lis-socjeta` attrici Lm2,001.30;

Illi dan id-debitu huwa veru, cert, likwidu u dovut, li ghalhekk jippermetti li t-talba tas-socjeta` attrici tigi milqugha biex din il-kawza tinstema' bl-abbrevjazzjoni tat-terminu skond l-artikolu 167 tal-Kodici tal-Procedura u Organizzazzjoni Civili;

Illi l-konvenut interpellat biex ihallas dan l-ammont, anke permezz ta' ittra ufficjali tal-24 ta' Mejju 2000, baqa' inadempjenti;

Talbet illi din il-Qorti:

1. tiddeciedi li tisma' din il-kawza bl-abbrevjazzjoni tat-terminu skond l-artikolu 167 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. tiddikjara lill-konvenut debitur lejn id-ditta attrici fl-ammont ta' elfejn u lira u tletin centezmu (Lm2,001.30) bilanc fuq import ta' kambjala minnu accettata u ffirmata;

3. tikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta` attrici s-somma ta' elfejn u lira u tletin centezmu (Lm2,001.30);

Bl-imghaxijiet mid-data ta' l-iskadenza tal-kambjala fil-21 ta' Novembru 1998 u bl-ispejjez tal-mandat ta' sekwestru u ta'

qbid prezentati kontestwalment mac-citazzjoni u ta’ l-ittra ufficjali tal-24 ta’ Mejju 2000 kontra l-konvenut.

Rat ukoll l-*affidavit* mahluf minn Mark Fenech u rat id-dokumenti u l-atti kollha fil-process.

Rat illi c-citazzjoni u l-avviz tas-smigh kienu notifikati lill-konvenut fiz-zmien li trid il-ligi, izda, ghalkemm il-kawza ssejhet tliet darbiet, il-konvenut baqa’ ma deherx.

Billi ghalhekk l-artt. 167 *et seqq*. tal-Kodici ta’ Organizzazzjoni u Procedura Civili jridu li s-sentenza tinghata llum stess bid-dispensa tas-smigh, il-Qorti taqta’ l-kawza billi fil-kontumacja tal-konvenut tilqa’ t-talbiet maghmula fic-citazzjoni, bl-ispejjez.

**Onor. Imhallef Giannino Caruana Demajo LL.D.**

Dep. Reg.

cm